MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 365/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Pawlu Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn il-perjodu ta' Ottubru, 2007 u Ottubru 2008, naqas li jaghti lil martu s-somma ta' €512.46 fix-xahar pagabbli xahar bil-quddiem, bhala manteniment ghaliha u/jew ghal uliedhom fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu ghal perjodu ta' xahar prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' hamest elef u disgha w sebghin Euro (€5079) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w issib illi l-appellant ma kienx hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w tilliberah mill-istess akkuza w minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
i) illi mill-assjem tal-provi illi pproduca, l-appellant wera illi huwa ma kienx fi grad illi jahdem, tant illi kien kostrett illi jieqaf jattendi ghax-xoghol u eventwalment gie *boarded out.* Huwa xehed dwar il-kura illi ha w it-tobba illi huwa invistawh, fosthom il-kirurgu Sciberras, illi kif inghid kien kategoriku dwar l-inkapacita' tal-appellant illi jahdem. L-appellant wera wkoll illi huwa pproceda kif seta quddiem il-Qorti kompetenti sabiex id-digriet ta' manteniment jigi varjat jew jigu sospizi l-effetti tieghu sakemm il-kondizzjoni tieghu – bil-konsegwenza immedjata taghha illi huwa ma jistax jahdem – tispicca u jkun fi grad jerga jahdem bi qliegh. Dawn it-tentattivi tieghu ghal-varjazzjoni tad-digriet ta' manteniment ma kellhom success;
ii) illi l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta illi, biex waslet ghas-sentenza taghha, injorat il-fatt centrali, cioe' illi l-appellant huwa vittma ta' cirkostanzi – illi huwa gab prova ampja taghhom f'dawn il-proceduri – illi huma impellanti, sehhew minghajr kontribut jew nuqqas tieghu u huma barra mill-kontroll tieghu, illi qeghduh f'kondizzjoni illi ma jkunx fi gradi jobdi l-ordni tal-Qorti. L-appellant

wera wkoll illi ghamel li seta biex jikkorregi din is-sitwazzjoni permezz tal-proceduri opportuni izda anke f'dak ir-rigward ma kellux success;

iii) illi dak illi l-legislatur jrid jizgura bil-penalizazzjoni ta' kontravenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku huwa r-rispett lejn l-ordni pubbliku illi fil-kaz odjern jittraduci lilu f'ubbidjenza lejn ordni tal-Qrati. L-appellant kif inghid ma kienx fi grad jobdi din l-ordni u ma jistax ghalhekk jinghid illi n-nuqqas tieghu huwa ksur tal-Ligijiet Kriminali.

Ikkunsidrat :

Fil-qosor l-appellant qieghed jilmenta illi huwa vittma tac-cirkostanzi w bhala tali mhuwiex f'qaghda illi jhallas manteniment lil martu bir-rata li kien originarjament obbligat ihallas permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Familja tal-5 ta' Frar, 2003.

L-appellant xehed illi huwa dizokkupat. Qabel kien jahdem mal-Water Services Corporation u spicca f'April, 2009. Gie "borded out" minhabba ragunijiet medici illi kienu jirrizalu ghal tlett snin qabel. Anki qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni bejnu u bejn martu Mary Aida w ma hallasx manteniment ghax ma kienx qed jahdem. Ammetta li kellu delizju tas-sajd izda qatt ma jmur wahdu.

George Cremona mis-sigurta' socjali xehed illi l-appellant jircievi pensjoni ta' invalidita' mill-11 t'April, 2009. Kien applika ghaliha fis-17 ta' Marzu 2008 izda l-ewwel konkluzzjoni tal-bord mediku kien negattiv. Fit-2 t'Ottubru, 2008 l-appellant rega' applika w din id-darba d-decizjoni kienet favorevoli w kien hemm rakkomandazzjoni li jinghata l-beneficcju ta' penzjoni ta' invalidita' ghal tlett snin.

Jesmond Tonna mill-Water Services Corporation informa lill-Qorti illi l-appellant m'ghadux jahdem mall-Korporazzjoni. F'Gunju tal-2007 hareg bis-"sick leave" u baqa' wkoll "unpaid". Skond il-P3 l-ammonti dovuti lill-martu, s-sinjura Schembri gew imnaqqsa. Fl-2008 saru zewg pagamenti w minn dawn mart l-appellant hadet xi haga, izda Jesmond Tonna ma kwantifikax kemm kien l-ammont illi hadet mart l-appellant.

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-appellant ipprezenta kopja ta' digriet moghti mill-Qorti Sezzjoni tal-Familja fit-12 ta' Jannar, 2010, liema digriet il-manteniment dovut lill-mart l-appellant gie sospiz b'effett mit-13 ta' Mejju, 2009 u li kien f'dan is-sens illi qed jigi emendat id-digriet precedenti tal-5 ta' Frar, 2003.

Ikkunsidrat :

Illi l-akkuza illi l-appellant gie addebitat biha jkopri l-perjodu bejn Ottubru tal-2007 u Ottubru 2008 hu pacifiku li f'dan il-perjodu illi l-appellant ma hallas l-ammont indikat fic-citazzjoni lill-martu Mary Aida. L-appellant ilmenta illi ma setax ihallas mhux b'kapricc izda ghax ma kienx qed jahdem imhabba mard u gie fil-fatt "borded out" mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li maghha kien impjegat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant hareg bis-"sick leave" f'Gunju 2007 u l-appellant stqarr illi l-ugiegh kien ilu gej u mhux biss meta bdew il-proceduri tas-separazzjoni. Jidher illi dawn il-proceduri kienu ilhom li bdew, tant hu hekk illi hemm referenza ghal digriet moghti fil-5 ta' Frar, 2003 illi kien jistabilixxi r-rata tal-manteniment illi l-appellant kellu jhallas lil martu u lill-uliedu. Dan l-ahhar digriet gie emendat biss fit-12 ta' Jannar, 2010 b'effett mit-13 ta' Mejju, 2009.

Ghalhekk dan ifisser illi bejn il-perjodu ta' Ottubru 2007 u Ottubru 2008, l-appellant kien kostrett jhallas lill-martu bir-rata stabbilita tal-5 ta' Frar, 2003. Din l-obbligazzjoni baqghet fis-sehh sakemm baqa' fis-sehh ukoll id-digriet originali tal-5 ta' Frar, 2003 u l-appellant ma kellu l-ebda dritt li unilateralment jiddeciedi illi jnaqqas il-manteniment jew addirittura ma jhallas xejn minghajr ma jkollu ordni minn ghand Qorti kompetenti biex jaghmel dan.

Minkejja illi f'Gunju 2007 l-appellant hareg bis-"sick leave" ir-rikors tal-varjazzjoni tal-manteniment dovut lill-martu gie pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2009, sentejn u hames xhur wara illi l-appellant kien jaf illi ma kienx se jkun f'posizzjoni

illi jkompli jhallas bir-rata illi kien obbligat ihallas. Dina hija traskuragni grassa minn naha tal-appellant illi ghaliha ma tistax tbati martu Mary Aida.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet biex tippronuncja ruhha fuq dan l-aspett. Digriet validament moghti minn Qorti kompetenti jrid jibqa’ jigi osservat sakemm jigi mibdul jew varjat mill-istess Qorti jew minn Qorti ohra kompetenti w parti ma tistax tiehu b’idejha l-ligi w tiddeciedi illi tvarja kondizzjonijiet illi kienu mposta fuqha b’digriet validament moghti. Dan huwa proprju dak illi ghamel l-appellant, minkejja li kien jaf illi ma kienx se jkun f’posizzjoni li jkompli jhallas il-manteniment bir-rata illi kien obbligat ihallas, qabad u ddecieda minn rajh illi ma jhallas u kien biss sentejn u hames xhur wara li hareg bis-“sick leave” illi ghamel rikors ghal varjazzjoni.

Il-perjodu illi taghha l-appellant huwa akkuzat u cioe’ bejn Ottubru 2007 u Ottubru 2008 filwaqt illi jaqa’ fil-perjodu tas-“sick leave” jaqa’ wkoll fil-perjodu operattiv tad-digriet tal-5 ta’ Frar, 2003 u indipendentement mill-posizzjoni finanzjarja tal-appellant kien obbligat illi jsegwi l-ordni illi giet imposta fuqu.

Jekk verament kien f’posizzjoni finanzjarja daqshekk hazina, jmissu adixxa lill-Qorti mill-ewwel u mhux jistenna sentejn u hames xhur sabiex japplika ghal varjazzjoni.

Illum is-sitwazzjoni bejn il-konjugi hija regolata permezz tad-digriet tat-12 ta’ Jannar, 2010 li beda fis-sehh fit-13 ta’ Mejju 2009. Ghalhekk qabel din l-ahhar data l-appellant kien obbligata ihallas lill-martu bir-rata stabbilita bid-digriet originali tal-5 ta’ Frar, 2003, liema rata hija fit-termini tac-citazzjoni illi taghha l-appellant kien gie misjub hati permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Din il-Qorti ssib illi din id-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti hija ragjonevoli gusta w legali fic-cirkostanzi li l-Qorti kellha quddiemha dak inhar illi ppronuncjat is-sentenza w ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------